# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
### IMHALLEF
## ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Numru 2.**

**Citazzjoni Numru 8/01 GV.**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Joseph u Theresa konjugi Grima f'isimhom propju u ghan-nom ta' l-azjenda J & S Car Hire**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici skond kambjali li kopja qed tigi mmarkata bhala dok. 1 sa 10, u li l-originali taghhom sejrin jigu ezebiti waqt il-kawza, tinsab kreditur tal-konvenuti proprio et nomine fis-somma ta' elf seba' mija u sittin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,760.10);

Premess illi dawn il-kambjaliet kollha skadew u baqghu ma thallsux u dana nonostante li l-konvenuti proprio et nomine gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan l-ammont;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tal-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma

tas-socjeta' attrici il-konvenuti proprio et nomine m'ghandhomx l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'jaghmlu f'din il-kawza;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija u sittin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,760.10) dovuti skond kambjaliet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civli (Kap 12);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti proprio et nomine u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuti proprio et nomine mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici; Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**